# *Animazzjoni – L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Illum Ġesù jurina l-imħabba kbira ta' Alla li ma jieqaf qatt jistedina biex inbidlu ħajjitna. Nilqgħu din l-istedina ta' ferħ, filwaqt li nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fl-ewwel qari naraw kif Alla dejjem jistieden lil poplu tiegħu biex jindem u jbatal qalbu mil-allat foloz. San Pawl jgħidilna kif Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin. Fl-evanġelju Ġesù jurina l-ħniena kbira ta' Alla għalina. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Inqum u mmur għand missieri.

**Offertorju:**

Ma' dawn l-offerti li se nressqu għal dan is-sagrifiċċju, noffru aħna wkoll lil ruħna niedma, filwaqt li inkantaw flimkien.

**Tqarbin:**

Issa se nirċievu lil Ġesù ġo fina, ejjew illum nitolbuh l-grazzja tal-ħniena tiegħu. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.